MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 711/2006

**Rikors Numru 711/2006 SM**

**Emanuela Spiteri**

**(I.D. 77824 (M))**

**vs.**

**Charles sive Charlie u Carmen**

**konjugi Delia**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-2 t'Awwissu, 2006, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1. Illi r-rikorrenti tippossedi tlett kwarti (3/4) indivizi u l-uzufrutt fuq ir-rimanenti kwart (1/4) tal-fond 113, Triq Pietru Pawl Caruana, Bormla;

1.2. Illi l-fond indikat fil-paragrafu precedenti hu sottostanti l-fond 112, Flat 3, fl-istess triq fuq indikata proprjeta` ta' l-intimati;

1.3. Illi qed jipperkola ilma fil-fond tar-rikorrenti minn dak ta' l-intimata;

1.4. Illi din il-perkolazzjoni qed takkawza hsarat fil-fond tar-rikorrenti, (ara foll 4);

1.5. Illi l-intimati huma unikament responsabbli ghad-danni sofferti mir-rikorrenti;

1.6. Illi *nonostante* li interpellati biex jaghmlu tajjeb ghall-hsara *de quo*, l-intimati baqghu inadempjenti;

1.7. Illi ghalhekk ir-rikorrenti kienu kostretti jadixxu din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.7.1. Tiddikjara lill-intimati responsabbli ghad-danni kkagunati lir-rikorrenti fid-dar *de quo*;

1.7.2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti, okkorendo bl-opera ta’ periti nominandi;

1.7.3. Tikkundanna lill-intimati biex ihallsu lir-rikorrenti dik is-somma hekk likwidata;

1.7.4. Tikkundanna lill-intimati jaghmlu xogholijiet rimedjali fil-fond *de quo* u fin-nuqqas, tawtorizza lir-rikorrenti tezegwixxi hi stess ix-xogholijiet rimedjali mehtiega a spejjez ta’ l-intimati;

1.7.5. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-intimati;

2. Rat ir-risposta guramentata datata z-19 ta’ Gunju, 2007, li permezz taghha rrispondew sintetikament is-segwenti:

2.1. In-nullita` tar-rikors promotur *stante* li ma jikkontjenix ir-raguni tat-talba *ai termini* ta’ l-artiklu 156(1)(b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2.2. Illi t-talbiet huma infundati;

2.3. Illi ghalhekk it-talbiet ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

2.4. Illi anke jekk responsabbli ghad-danni, l-intimati m’ghandhomx ibatu l-ispejjez tal-procedura odjerna *stante* li r-rikorrenti irrifjutat l-access lill-intimati ghall-fond taghha;

2.5. Salv eccezzjonijiet ohra;

3.0. Illi a skans ta’ dilungar inutili taghmel referenza ghall-verbal ta’ l-abbli rapprezentant legali tal-kontendenti datat is-6 ta’ Novembru, 2013, (ara foll 84), li permezz tieghu infurmaw lill-qorti bis-segwenti:

3.1. Illi l-kontendenti kienu qabblu fuq il-mertu tal-kawza;

3.2. Illi l-ammont ta’ danni sofferti mir-rikorrenti jammonta ghal seba` mija u hamsin Ewro, (€750.00);

3.3. Illi kien ghad hemm biss divergenza fuq il-kap ta’ l-ispejjez;

Ikkunsidrat:

4. Illi a skans ta’ dilungar inutili tiddikjara li in vista tal-paragrafu precedenti, din is-sentenza hi issa limitata ghall-epurazzjoni tal-kap ta’ l-ispejjez *stante* li l-mertu in dizamina gie debitament konkretizzat mill-partijiet *ai termini* tal-verbal tas-6 ta’ Novembru, 2013, (ara paragrafu numru tlieta, (3.), aktar qabel;

5.0. Illi limitatament ghal dan l-iskop tiddikjara wkoll li:

5.1. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

5.2. Rat ix-xhieda prodotta;

6. Rat id-digriet taghha wkoll datat is-27 ta’ Novembru, 2014, li permezz tieghu, fuq talba ta’ l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 105);

7. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-intimati datata s-26 ta’ Frar, 2015, (ara foll 112), u dik tar-rikorrenti datata l-10 ta’ Marzu, 2015, (ara foll 117);

**DECIDE re mertu:**

8.0. Illi konstatat is-suespost, fuq il-mertu kif fuq cirkostritt tiddikjara u tiddeciedi s-segwenti:

8.1. Illi l-intimati huma responsabbli ghad-danni kkagunati lir-rikorrenti fil-fond numru 113, Triq Pietru Pawl Caruana, Bormla;

8.2. Illi d-danni hekk sofferti mir-rikorrenti jammontaw ghal seba` mija u hamsin Ewro, (€750.00);

8.3. Illi tikkundanna lill-intimati biex ihallsu lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata fil-paragrafu precedenti;

Ikkunsidrat:

9.0. Illi rigward il-kap ta’ l-ispejjez jinghad sintetikament is-segwenti:

9.1. Illi l-fond tar-rikorrenti hu sitwat taht dak ta’ l-intimati;

9.2. Illi jirrizulta assodat a sodisfazzjon anke tal-kontendenti li lahqu ftehim ukoll fir-rigward, li l-perkolazzjoni inkriminanti kienet torigina mill-fond ta’ l-intimati;

9.3. Illi qabel ma r-rikorrenti kienet kostretta tintavola l-procedura odjerna, jirrizulta li interpellat lill-intimati fiz-17 t’Awwissu, 2005, u pprezentat ittra ufficjali datata t-28 t’Ottubru ta’ l-istess sena, (ara foll 1);

9.4. Illi l-perkolazzjoni in dizamina kienet ilha tirrizulta ta’ l-anqas sa mis-sena 2005;

9.5. Illi ghalkemm il-qorti stiednet lill-partijiet biex fid-dawl tar-rizultanzi jilhqu ftehim fuq il-kap ta’ l-ispejjez, dawn dejjem irrifjutaw tali stedina, (ara foll 74 u 75);

Ikkunsidrat:

10. Illi jirrizulta li r-rikorrenti hi persuna t’eta` avvanzata;

11. Illi d-danni sofferti mir-rikorrenti ghalkemm mhux ta’ entita` kbira jew serja, pero` tenut kont ta’ l-eta` riskontrata l-procedura li kienet kostretta tintavola u tippersegwixxi zgur li kienet t’ansjeta` kbir lill-istess;

12. Illi l-kawza ta’ l-istess procedura mhix l-intransigenza riskontrata tar-rikorrenti izda dik inspjegabbli tal-intimati li *nonostante* li kienu ll-kawza prossima u mmedjata tal-hsarat in dizamina, baqghu jippersistu fl-attitudni skontruza taghhom li jirrifjutaw jerfghu r-responsabbilita`civili naxxenti mill-istess;

**DECIDE re Kap ta' l-ispejjez:**

13.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti Emanuela Spiteri ppruvat il-kaz taghha skont il-ligi, u specifikament fir-rigward tar-responsabbilita` ghall-kap ta' l-ispejjez, tiddikjara li r-rikorrenti hi biss il-parti li ssubiet l-intransigenza inkonsiderata tal-intimati u konsegwentement tiddikjara li l-intimati Charles *sive* Charlie u Carmen konjugi Delia huma unikament responsabbli ghall-ispejjez kollha processwali u ghalhekk:

13.1. Tikkundanna lill-imsemmija intimati biex ihallsu l-ispejjez kollha konnessi mal-procedura odjerna, inkluzi wkoll dawk koncernanti l-ittra interpellatorja taz-17 t'Awwissu, 2005, u ta' l-ittra ufficjali datata t-28 t'Ottubru, 2005;

13.2. Illi rigward l-ammont ta' seba` mija u hamsin Ewro, (€750.00), fuq deciza in linea ta' danni, tikkundanna lill-intimati wkoll biex ihallsu lir-rikorrenti l-imghaxijiet legali dovuti mid-datat tal-ftehim, senjatament mis-6 ta' Novembru, 2013.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------